**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 16/18 AGV**

A

vs

B li b'digriet tal-20 ta' Marzu, 2018 il-kunjom "Grima" gie korrett ghal dak ta' "Armeni"

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrent fit-12 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi r-rikorrent gie ammess ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali permezz ta' digriet datat 25 ta' Awwisu, 2017 numru 196/2017.

Illi r-rikorrent qieghed jiskonta sentenza ta' Habs gol-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola.

Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-20 ta' Marzu, 2010 u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal.

Illi l-imsemmi konjugi infirdu legalment minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni b'att pubbliku minn Nutar Maria Micallef fl-24 ta' Lulju, 2017 (Dokument A anness) u dan wara li kienu ilhom *de facto* mifrudin minn xulxin ghal aktar minn erba' snin u dan peress li z-zwieg tal-kontendenti ma rnexxiex mill-bidunett u ukoll r-rikorrenti kien qiegħed (u ghadu) jiskonta sentenza l-habs.

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx kwistjonijiet bejniethom dwar manteniment.

Illi, ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma soddisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhumiex mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru, 2018, l-intimata m'opponitx ghal dan id-divorzju u rat ukoll l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-24 ta' Lulju, 2017 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

It-terminu ghall-appell minn din is-sentenza qed jigi abbrevjat ghal jum, bi qbil bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**